# IX-XATT T'GĦAWDEX

Lwien kullimkien. Ifeġġ ġo dehra kbira
Il-kampnar twil tal-knisja fuqqanija
Li fuq il-ġmiel ta' dina x-xtajta żgħira
Qed jgħanni mal-ħolqien: Ave Marija.

Taħtu jinfirxu, f'ġirja ftit qasira,
Siġar u djar f'bewset ix-xemx medhija.
Sieket l-irdum fejn xi raħħala fqira
Tilgħab mal-bhejjem tagħha mistoħbija.

Isfel id-dgħajjes, qishom ġfien għal ġlieda,
Qegħdin jistrieħu; iżjed 'l hemm fis-sliema
Tilgħab mal-mewġ id-dgħajjes tas-sajjieda.

U Chambray, ħakem, jgħasses fuq ix-xatt
Itenni l-għajta ta' l-iswar qadima:
Tkissruna tistgħu, 'ma tirbħuna qatt.

ĠORĠ PISANI